MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 60/2009

Michael u Mary konjugi Farrugia

Vs

John Mary u Monica konjugi Farrugia, Francis u Rita konjugi Farrugia, Philip u Doris konjugi Farrugia, Carmelo u Theresa konjugi Grech u Paul u Gemma konjugi Bonnici.

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat fil-25 ta' Frar 2009 fejn r-rikorrenti talbu lill intimati is-segwenti:-

*Li l-intimati lkoll jew min minnhom, ihallsu lill atturi s-somma ta' tmint elef disa mija u disa u tmenin ewro (€8,989) konsistenti f'danni da likwidarsi, u minnhom*

*dovuti lill atturi stante li kkawzaw l-istess fl-oggetti u propjeta li huma kellhom fir-razzett 'tenement' Nru 51656 bin numri 11, 18 u 21, fi Sqaq il-Merhla f'Bulebel il-Kbir, limiti taz-Zejtun, lkoll flimkien mal-atturi mikri mill-Gvern b'titolu ta' qbiela, bil kera ta' Lira Maltija (Lm1) fis-sena, meta bil mohbi u ad insaputa taghhom u tal-awtorita' kkoncernata, l-intimati dahlu fi hwejgu fl-ambjenti fl-istess razzett u ghamlu hsara ingenti fl-appparat u fl-oggetti li huma kellhom ghat-trobbija tat-tigieg u annimali ohra fl-istess razzett.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-18 ta' Dicembru 2002 kif ukoll dik ufficjali tal-31 ta' Ottubru 2002 u tat-3 ta' Mejju 2007 kontra l- konvenuti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta'l-intimati kollha ppresentata fit-2 ta' April 2009 fejn intqal is-segwenti:-

*1. illi b'mod prelimiari l-atturi ghandhom jikkorregu l-Avviz fis-sens li jiddikjaraw li l-Avviz sar fil- Qorti tal-Magistrati (Malta)*

*2. Illi l-fatti u persuni ta' dan l-avviz huma identici ghall-fatti u persuni li jiffurmaw parti mill-gudikat tat-22 ta' Settebru 2008 (98/03 CSH) Michael Farrugia vs John Mary u Monica konjugi Farrugia, Francis u Rita konjugi Farrugia, Philip u Doris konjugi Farrugia, Carmelo u Theresa konjugi Grech u Paul u Gemma konjugi Bonnici ghalhekk l-azzjoni gia giet trattata u deciza definittivament u b'hekk tikkostitwixxi res judicata bejn il-partijiet.*

*3. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili stante li t-talba hija dwar allegati danni.*

*4. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni, il-konvenuti ma kkawzaw ebda danni lill-atturi.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.*

Rat illi, fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2009, wara d-debita korrezzjoni da parte tar-rikorrent, l-intimati irtiraw l-ewwel eccezzjoni.

**Provi**

Permezz ta’ Affidavitipprezentat fl-24 ta’ Gunju 2009, ir-rikorrent **Michael Farrugia** stqarr illi r-razzett meritu tal-kwistjoni jinstab fi 22, Sqaq il-Merhla, Bulebel il-Kbir, Zejtun, liema razzett kien mikri lil missier il-partijiet, Carmelo Farrugia. Gewwa dana ir-razzett huwa kien irabbi t-tjur kif ukoll kien jahdem ir-raba, u dana bil-permess tal- genituri tieghu.

Fis-16 ta’ Frar 2001, miet missierhom u il-kirja tar-razzett daret fuq l-partijiet kollha tal-kawza, anke jekk hu kien haseb li ser iddur fuq ommhom. Fl-4 ta’ Dicembru 2001, ufficjali tad-Dipartiment ta’l-Agrikultura marru ir-razzett, wara applikazzjoni illi kien ghamel ir-rikorrent ma’l-istess Dipartiment fl-1997 biex irabbi t-tjur, sabiex jivverifikaw fejn kien ser jinhareg il-permess u, dakinhar, omm il-partijiet tat il-kusens taghha ghall-hrug tal-permess. Il-permess eventwalment inhareg l-ghada, fil-5 ta’ Dicembru 2001 izda hutu l-intimati bdew joggezzjonaw ghal tali permess.

Minn dakinhar ‘l hawn, skond r-rikorrent, beda jinqala l-inkwiet kollu ta’ bejn il-partijiet. Minkejja diversi affarjiet li ghamlulu l-intimati, huwa baqa jidhol fir-razzett biex jitma l-annimali tieghu.

Nelfrattemp, l-partijiet kollha saru kerrejja flimkien tal-fond fit-13 ta’ Awissu 2002, izda xorta huwa baqa minghajr ic-cwievet kollha tar-razzett u dana sad-data tal-pprezentata ta’l-avviz. Nelfrattemp, izda, ir-rikorrent, minkejja tali problemi, baqa’ ghaddej bil-process biex jirregolarizza il-permessi tal-bini kollha tar-razzett mal MEPA peress illi il-post ma kienx regolamentari izda kien gie mgharraf li, la darba kellu permess biex irabbi t-tjur, seta jirranga biex

jinhariglu l-permess. L-intimati baqghu jinfurmawh illi kienu qed joggezzjonaw ghall kollox u sahansitra qalulu biex johrog mir-razzett izda huwa ppersista fl-uzu tal-post u fil-process tal-permess mal-MEPA.

Fix-xahar ta’ Dicembru 2002, bejn is-16 ta’ Dicembru 2002 u l-1 ta’ Jannar 2003, saru diversi hsarat fil-kmamar illi kien jokkupa ir-rikorrent fir-razzett u ta’ dana huwa kien ghamel rapport l-Ghassa fejn indika illi l-hsarat tieghu kienu ta’ €2,617 (Lm1123.50). Ghalkemm huwa ma rax min kien qed jaghmel il-hsarat, huwa jistqarr illi fl-istess perjodu hu, flimkien ma’ membri tal-familja tieghu, kienu raw uhud mill-intimati dehlin fir-razzett u, sahansitra, darba minnhom, Gemma Bonnici wissietu illi kull fejn kien qieghed jokkupa hu kien ser jitwaqqa.

Fl-ahhar ta’ April 2003 imbghad, precizament fil-25 ta’ April 2003, r-rikorrenti gew mgharrfa mill-Pulizija illi kienu ser jigu tal-MEPA iwaqqghu il-kmamar illegali, haga illi eventwalment r-rikorrenti saru jafu li ma kienx minnu, peress illi l-kmamar kienu gia twaqqu dakinhar u kien twaqqu mill-intimati wara illi l-MEPA kienu qalulhom biex iwaqqawhom. Ir-rikorrenti, ghalkemm ma jsemmi xejn minn dan fl-affidavit, ipprezenta prospett ta’ danni dwar il-hsarat kkawzat fil-25 ta’ Marzu 2003, fejn dawna gew likwidati fl-ammont ta’ €6,370.83 (Lm 2,735).

Dawn il-kmamar illum twaqqghu kollha u r-rikorrenti jikkontendi illi tali hsarat sar b’mod vendikattiv u abusivament peress illi l-intimati intenzjonati illi jixtru ir-razzett u jinnegozzjawh.

**Mary Farrugia** u **Silvan Farrugia**, fl-affidavits taghhom, jaghtu aktar dettalji dwar l-incidenti illi sehhew fil-25 u 26 ta’ April 2006.

Fis-seduta ta’l-20 ta’ Jannar 2010, xehed **Reuben Montebello**, prodott mir-rikorrenti, fil-kariga tieghu ta’ *Principal Veterinary Support Officer* fi hdan id-Dipartiment tal-Veterinerija fil-Ministeru ta’l-Affarjiet Rurali fejn ikkonferma illi d-Dipartiment kien ghamel spezzjoni fir-razzett meritu tal-kaz odjern f’Dicembru 2002, wara liema

spezzjoni r-razzett kien licenzjat biex ikun hemm fih it-trobbija tat-tjur tas-serra.

Xehed ukoll, fl-istess seduta, **Frank Scerri**, prodott mir-rikorrenti, bhala *Enforcement Officer* tal-MEPA fejn ikkonferma illi kienet inharget Enforcement Notice 90/2003 fuq il-fond meritu tal-kawza odjerna peress illi kien hemm ksur rigwardanti zvilupp illi kien sar fil-bini ta' kmamar bhala estensjoni mar-razzett, liema bini kien sar bla permess. Huwa stqarr ukoll illi kien sar rapport lill MEPA u ghalhekk il-MEPA hadet azzjoni.

Fis-seduta ta'l-20 ta' April 2010, xehedu il-**PS 1429 Eric Mangion**, il-**PC 1094 Arthur Fenech**, l-**Ispettur Joseph Agius** u il-**Perit Joseph Zerafa Boffa**.

Filwaqt illi il-PS 1429 u il PC 1094 jikkonfermaw illi r-rikorrenti kien ghamel hafna rapporti fis-sena 2002 dwar hsarat illi kienu sarulu fir-razzett tieghu, l-Ispettur Agius qal illi ma kien jaf xejn dwar tali rapport peress illi dawna qatt ma gew riferiti lilu bhala Spettur taz-Zejtun dak iz-zmien.

Il-Perit Zerafa Boffa, minn naha tieghu, ma seta jiftakar ftit li xejn dwar il-pjanta esebita a fol 49 tal-process hlief illi kien ghamel din il-pjanta fuq talba tar-rikorrent wara illi kienet harget xi skema tal-Gvern.

Fis-seduta ta'l-20 ta' Ottubru 2010, xehdet l-intimata **Gemma Bonnici** illi stqarret li wara li gie nieqes missier il-partijiet, inqala hafna inkwiet mar-rikorrent peress illi kien qalilhom li kien ha permess mill-Ghammieri. Hija stqarret ukoll illi kienu marru il-MEPA sabiex jaraw x'inhi s-sitwazzjoni dwar il-permessi fuq ir-razzett wara ittra li kien baghat ir-rikorrenti fejn qalilhom illi nofs ir-razzett huwa mibni illegalment. Ghal tali laqgha mal-MEPA kellu jigi r-rikorrent ukoll izda minflok baghat lit-tifel tieghu Silvan.

Wara tali laqgha, il-MEPA ordnat lill-partijiet sabiex iwaqqghu il-bini illegali li kien hemm u ghalhekk huma ipprocedew biex iwaqqghu il-kmamar sabiex ma jbaghtux konsegwenzi akbar. Fil-kmamar li waqqghu, illi kienu qed

jintuzaw mir-rikorrent, kien hemm biss fniek illi, skond Gemma Bonnici, kienu kollha morda.

Bonnici stqarret illi qabel ma’ waqqghu il-kmamar, kienu avzaw lir-rikorrenti permess ta’ ittra bl-avukat taghhom. Meta eventwalment waqqghu il-kmamar l-intimati, ma kien hemm ebda perit jew rappresentant tal-MEPA, izda l-intimati kienu gabu Pulizija bhala prekawzjoni.

Dakinhar xehed ukoll ir-rikorrent fejn ikkonferma illi l-incident meritu tal-kaz odjern kien dak illi nqala fis sena 2002 u li gie minnu imsemmi fl-affidavit tieghu.

Gew ukoll ippresentati l-affidavits ta’ **John Farrugia**, **Philip Farrugia** u **Tereza Grech** illi lkoll sostnew li kienu ircevew ittra minghand il-konsulent legali tar-rikorrent fejn gharrafhom illi kellna bini illegali u li kien hemm enforcement notice mill-MEPA li kienu rcevewha l-ahwa kollha. Kien ghalhekk illi huma ghaddew biex iwaqqghu il-kmamar illegali.

Fil-kontro ezamijiet illi sarulhom fis-6 ta’ April 2011, John Farrugia ikkonferma illi l-kmamar kollha illi kien juza r-rikorrent kienu illegali u huma kienu indikawhom lill-MEPA kif ukoll stqarr illi dakinhar li marru iwaqqghu il kmamar, kull ma kien hemm kienu ftit fniek jigru ‘l hemm u ‘l hawn. Tereza Grech, minn naha taghha, stqarret illi r-rikorrenti kien jibni kmamar minn gurnata ghal ohra u ghalhekk ma kienetx taf liema kmamar huwa kien juza. Hija stqarret ukoll illi ommhom kienet tat permess lir-rikorrent irabbi erbgha tigigiet ghad-delizju u mhux biex irabbi ammont kbir ta’ tigieg fir-razzett fejn kienet tghix hi.

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppresejeduta mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fit-22 ta’ Settembru 2008.

## Konsiderazzjonijiet

Il-Qorti tifhem, l-ewwel u qabel kollox, illi din il-kawza ma ghandhiex, bhala bazi taghha biss il-hsarat illi allegatament saru lir-rikorrent mill-intimati, izda hemm feriti ferm aktar profondi illi jimminaw ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet, u dina tirrigwarda principalment ir-razzett tal-genituri taghhom. Ir-rikorrent jghid illi huwa ghandu permess biex irabbi it-tjur ghal qatla hemm filwaqt illi l-intimat jishqu illi hemm diversi kmamar li nbnew illegalment mir-rikorrent u li r-rikorrent approprija ruhu mir-razzett kontra il-volonta’ ta’ ommhom u kien qieghed jaghmel uzu minn tali r-razzett kontra il-volonta taghhom.

Il-Qorti tifhem ukoll illi, kwalsiasi decizjoni illi ser tinghata illum ma hijiex ser twassal sabiex il-feriti bejn il-partijiet jigu sanati, peress illi l-kwistjonijiet ta’ bejniethom jistu jigu rizolti biss la darba il-partijiet jiddisponu minn kull ma ghandhom in komun. Madanakollu, il-kaz quddiem dina l-Qorti ma hijiex dwar id-differenzi bejn l-ahwa, izda hija limitata ghall-hsarat illi allegatament sofra ir-rikorrenti bejn is-16 ta’ Dicembru 2002 u l-1 ta’ Jannar 2003 kif ukoll fil-25 ta’ Marzu 2003.

## Konsiderazzjonijiet ulterjuri

## L-ewwel eccezzjoni

L-ewwel u qabel kollox, l-Qorti tosserva illi l-ewwel eccezzjoni giet irtirata mill-intimati fis-seduta 28 ta’ Ottubru 2009 u ghalhekk ma hijiex ser tikkonsidraha

## It-tieni eccezzjoni

Dwar it-tieni ecezzjoni, il-Qorti ghandha tghid dan li gej:-

Il-Qorti tinnota illi, permezz ta’ avviz ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati fit-13 ta’ Frar 2003, l-istess rikorrent kien talab lill-istess intimat sabiex, fost affarjiet ohra, ihallsuh danni fl-ammont ta’ €2,617 (Lm1123.50). Jidher ukoll illi

f'tali proceduri, meta, fin-nota ta' sottomissjonjiet esebixxa r-rendikont tad-danni tieghu, huwa semma ukoll id-danni sofferti fil-25 ta' April 2003, ossija l-ammont ta' €6,370.83 (Lm 2,735).

L-istess Qorti, wara illi semghet l-istess xhieda illi gew ri-prodotti quddiem dina l-Onorabbli Qorti ukoll, fit-22 ta' Settembru 2008 asteniet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kaz peress illi ddikjarat li ma ghandhiex kompetenza *rationae valoris* sabiex tiddeciedi il-kaz.

L-intimati, in vista ta' tali decizjoni, resqu l-eccezzjoni tar-*res judicata*.

Il-Qorti, filwaqt illi tifhem r-ragunar wara tali eccezzjoni peress illi tali kwistjonijiet ilhom pendent ghal hafna snin, thoss illi ma jkunx fl-ahjar interess tal-gustizzja ghal partijiet kollha illi l-kaz jigi decizja fuq dana il-punt minghajr ma wiehed jiddeciedi il-meritu tal-kaz.

Il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha tat-22 ta' Settembru 2008, filwaqt illi kienet attwalment semghet ix-xhieda kollha li eventwalment regghu instemghu minn din il-Qorti, ma kienet tat ebda decizjoni fuq il-meritu tal kaz, peress illi astjeniet milli tiddeciedi il-kaz fuq bazi ta' inkompetenza *rationae materiae*. Ghalhekk, il-meritu tal kaz ghadu ma giex deciz u jisthoqq illi jigi deciz minn dina l-Qorti.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tichad it-tieni eccezzjoni.

**It-tielet eccezzjoni**

Dwar it-tielet eccezzjoni, il-Qorti ghandha tghid dan li gej:-

L-intimati eccepew illi, peress illi l-kwistjonijiet illi nqalghu bejn il-partijiet u li huma meritu tal-kawza odjerna sehhew f'Dicembru 2002 u fil-25 ta' April 2003, allura l-azzjoni odjerna illi nbdiet fil-25 ta' Frar 2009 hija preskritta abbazi tal-preskrizzjoni biennali a tenur tal-artikolu 2153 tal Kap 16.

Il-Qorti tinnota li, kif gia spjegat meta giet michuda t-tieni eccezzjoni, il-meritu tal- kaz odjern, ghalkemm gia meritu ta'l-Avviz 90/2003 CSH, baqa' ma giex deciz.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikoli 2128 u 2129 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-kawza <u>*Briffa vs Debono*</u> deciza fis-7 ta' Lulju 1992 fejn kienet saret distinzjoni bejn <u>l-att rinnovativ</u> ta' l-azzjoni, bhalma jigri fil-prezentata ta' Ittra Ufficjali, u <u>l-att ezekuttiv taghha</u>, bhala hija dik f'rikors guramentat.

L-artikolu 2129 tal-Kap 12 jipprovdi li:-

*Il-preskrizzjoni tinkiser allavolja t-talba, il-protest, jew att gudizzjarju iehor ikunu nulli minhabba difett ta' forma, jew minhabba li jkunu gew ippresentati quddiem qorti li mhix il-qorti kompetenti.*

Issa, fil-kaz odjern, it-talba originali, li kienet tinkludi il-hsarat ta' €2,617 (Lm1123.50), kienet giet intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-13 ta' Frar 2003, u ghalhekk entro is-sentejn stipulat fil Ligi fuq imsemmija. Eventwalment, il-kawza odjerna giet intavolata fil-25 ta' Frar 2009, jigifieri entro is-sentejn minn meta geit deciza il-kawza, li kien fit-22 ta' Settembru 2008.

Ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda it-talba ta' €2,617 (Lm1123.50), dina ma tistax titqies bhala preskritta.

L-istess, madankollu, ma jistax jinghad ghal dak li jirrigwarda il-hsarat illi allegatament sehhew fil 25 ta' April 2003, fil-valur ta' €6,370.83 (Lm 2,735). Dana huwa dovut ghal fatt illi tali hsarat qatt ma kienu il-meritu tal-kawza 90/2003 u ghalhekk il-periodu preskrittiv ma giex interrott bil-presentata ta' tali avviz. Apparti minn hekk, ma gie ippruvat imkien li qatt saret xi att gudizzjarju kontra l-intimati sabiex tigi interrotta il-preskrizzjoni fuq tali danni.

Ghalhekk, il-Qorti qieghda tilqa' limitatament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi ta'l-artikolu 2153 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana limitatament ghad-danni

allegatement ikkawzati fil-25 ta' April 2003 fl-ammont ta' €6,370.83 (Lm 2,735), filwaqt illi tichadha ghal dak li jirrigwardaw id-danni ikkawzati bejn is-16 ta' Dicembru 2002 u l-1 ta' Jannar 2003, ammontanti ghall- €2,617 (Lm1123.50).

**Ir-raba eccezzjoni**

Dwar ir-raba eccezzjoni, il-Qorti ghandha tghid dan li gej:-

L-ewwel u qabel kollox, in vista tad-decizjoni dwar it-tielet eccezzjoni, il-Qorti ser tillimta ruhha biss dwar d-danni allegatament sofferti bejn is-16 ta' Dicembru 2002 u l-1 ta' Jannar 2003.

Fix-xhieda kollha pprezentata jidher mhux ikkontestat illi fit-13 ta' Awissu 2002, l-partijiet kollha tal-kawza gew lkoll rikonoxxuti 'in solidum' mid-Dipartiment ta' l-Artijiet bhala persuni illi lilhom giet imqabbla r-raba tal-Gvern illi fuqha hemm ir-razzett meritu tal-kawza odjerna bin-numri 11,18 u 21, Bulebel il-Kbir, Zejtun. (vide fol 27)

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kien applika u ottjena permess li jzomm it-tigieg ghall- periodu bejn l-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Dicembru 2001, liema permess hareg fil-5 ta' Dicembru 2001. Filwaqt illi l-Qorti ma tistax ma turix il-meravilja taghha lejn il-fatt li d-Dipartiment ta'l-Agrikultura ghogbu johrog permess illi kien retroattiv u kien jispicca ftit anqas minn xahar wara illi inhareg, huwa konkluziv illi tali permess inhareg meta l-art kienet ghadha imqabbla lil missierhom Carmelo Farrugia u ghalhekk ma kellux bzonn il-kunsens ta' hutu kollha biex jaghmel tali applikazzjoni.

Tenut kont ta tali fatti, il-Qorti trid tghaddi biex tara il-provi dwar l-incidenti illi sehhew f'Dicembru 2002 u il-fatti li johorgu minn tali xhieda.

Bhala xhieda dwar il-hsarat li allegatament sehhew bejn is-16 ta' Dicembru 2002 u l- 1 ta' Jannar 2003, il-Qorti tista biss tistrieh fuq l-affidavit ta' Michael Farrugia u r-rapport illi sar lill-Pulizija mill-istess rikorrent fit-23 ta'

Dicembru 2002 esebit a fol 34 tal-Process. Dana huwa dovut ghal fatt illi x-xhieda kollha l-ohra lkoll xehdu dwar il-hsarat lli sehhew fil-25 ta' April 2003.

Il-Qorti, wara illi fliet fid-dettal l-atti kollha tal-kaz u qrat l-affidavit tar-rikorrent diversi drabi, thoss illi, ghalkemm jirrizulta li r-rikorrent baghtha xi hsarat fil-fond illi fih huwa allegatament kien qieghed izomm xi tjur, hamiem u fniek, ma giex ippruvat illi dawna l-hsarat gew attwalment ikkawzati minn xi uhud mill-intimati.

Ghalkemm r-rikorrenti jghid illi, fid-29 ta' Dicembru 2002 fil-5.30pm, filwaqt illi huwa kien mar ir-razzett flimkien mal-mara tieghu u it-tifla, huma raw lil hutu jkissru fil-post, huwa ma ta' ebda indikazzjoni dwar min attwalment kien qieghed ikisser u x'kien qed jitkisser. Aktar minn hekk, kemm il-mara kif ukoll it-tifel tieghu, meta xehedu bl-affidavit, imkien ma' ikkorroboraw dina il-verzjoni tar-rikorrent dwar l-incident illi sehhew fid-29 ta' Dicembru 2003.

Minn naha l-ohra, skond ir-rapport tal-Pulzuija a fol 34 tal-process, l-intimati kollha cahdu kategorikament dak li kien qieghed jigi allegat mir-rikorrent u kif iddeskriva abbilment il-PS 359 illi dahhal ir-rapport "*All of the* (sic) *strongly denied the allegation made against them by complainant*".

Ghalhekk, il-Qorti thoss ma ngibux provi sufficjenti biex juru illi kienu l-intimati li ghamlu dan l-allegat tkissir u tali fatt, abbinat mac-cirkostanzi kollha ta' glied u ghejra bejn l-ahwa fuq ir-razzett u min jista juzah, iwassal lill Qorti sabiex tikkonkludi illi r-raba eccezzjoni ghandha tintlaqa.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi qieset il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi rat illi l-ewwel eccezzjoni giet irtirata mill-intimati.

Tikkonkludi billi, filwaqt illi tichad it-tieni eccezzjoni, tilqa’ it-tielet eccezzjoni limitatament ghal dak li jirrigwarda it-talba ghall danni rigwardanti l-incident illi sehh fil 25 ta’ April 2003 u tichadha fejn din tirrigwarda it-talba ghad-danni rigwardanti l-incident illi sehh bejn is 16 ta’ Dicembru 2002 u l-1 ta’ Jannar 2003 u tilqa ir-raba eccezzjoni tal-intimati u ghalhekk tichad it-talbiet kollha attrici.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu ssopportati minn kull min inkorrihom fis-sens illi r-rikorrenti ghandu ihallas u jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu filwaqt illi l-intimati ghandhom ihallsu u jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------